# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 687/13/1 FDP**

**Rita Sant**

**v.**

**John Sant**

PRELIMINARI:

1. Il-kontendenti sseparaw fit-2 ta' Frar, 2007, permezz ta' kuntratt pubbliku. Fil-klawsola 6A ftehmu li l-konvenut jassenja nofs id-dar matrimonjali (proprjetà parafernali tiegħu) lill-attriċi, u li tali dar jbigħuha wara perjodu ta' ħames (5) snin bir-rikavat jinqasam bejniethom, b'dan li f'dawk il-ħames (5) snin l-attriċi kellha konċess favur tagħha dritt ta' użu u abitazzjoni permezz ta' komodat bl-esklużjoni tal-konvenut. Fil-

klawsola 6B iddikjaraw li l-mobbli nqasmu u li dawk li jinsabu fid-dar matrimonjali kellhom jibqgħu proprjetà esklussiva tal-mara. Fil-klawsola 10(c)(x) ftehmu li wara l-ħames (5) snin ħadd minnhom ma kellu jikkommetti spoll kontra l-parti l-oħra u li f'tali każ, il-parti li tkun wettqet l-ispoll teħel penali ta' Lm100 għal kull jum li jdum l-ispoll, u li tali ammont jitnaqqas mis-sehem spettanti lil dik il-parti mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar.

2. L-attriċi ssostni li qabel ma skadew il-ħames (5) snin tal-komodat kienet "kostretta" titlaq mid-dar matrimonjali minħabba theddid u molestja da parti tal-konvenut u spiċċat "kostretta" tidħol f'kera f'post ieħor; issostni li ftit wara li telqet hi, il-konvenut daħal jabita fid-dar matrimonjali hu stess f'Jannar 2010, u li ma tahiex l-għamara.

3. Għalhekk fis-17 ta' Lulju, 2013, l-attriċi ntavolat din l-azzjoni fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha l-penali kontemplati fl-Artikolu 10(c)(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni, u dawk id-danni sofferti minnha meta kienet kostretta tidħol fi spiża ta' kera, u ta' xiri ta' għamara.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-1 ta' Marzu, 2022, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kontriha.

5. L-attriċi ħassitha aggravata b'tali deċiżjoni u għalhekk fit-30 ta' Marzu, 2022, interponiet appell quddiem din il-Qorti fejn talbitha tħassar

is-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

6. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti:-

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Lulju 2013, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

*1. Illi permezz tal-kuntratt pubbliku magħmul mill-kontendenti fit-2 ta' Frar, 2007 minn nutar Dr. Marco Buttigieg, il-kontendenti sseparaw minn xulxin.*

*2. Illi fi klawsola 6 A tal-istess kuntratt, il-kontendenti ddikjaraw illi d-dar matrimonjali li ġġib in-numru 95, bl-isem ta' "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa kellha tinqasam bejniethom billi l-intimat raġel assenja u trasferixxa lill-esponenti martu aċċettanti n-nofs indiviż fond.*

*3. Illi permezz tal-istess klawsola l-intimat raġel obbliga ruħu li jikkonċedi lill-esponenti martu d-dritt ta' l-użu u abitazzjoni permezz ta' komodat, id-dar imsemmija, bl-esklużjoni tiegħu għall-perjodu ta' ħames (5) snin u ċioe' minn meta, sar il-kuntratt fit-2 ta' Frar, 2007.*

*4. Illi permezz tal-istess klawsola l-kontendenti obbligaw ruħhom li wara l-perjodu ta' ħames snin imsemmi fil-klawsola preċedenti, huma jbiegħu l-imsemmija dar u r-rikavat tal-bejgħ tal-istess dar jinqasam ugwalment bejniethom.*

*5. Illi, pero', skond klawsola 10 (c) (x) tal-imsemmi kuntratt il-kontendenti qablu u ftehmu illi wara ħames snin mid-data tal-kuntratt "ħadd minnhom ma għandu, unilateralment jikkometti spoll kontra l-parti l-oħra u fil-każ li dan jiġri, dik il-parti li tkun hekk wetqet l-ispoll, teħel penali ta' mitt lira (Lm100) kuljum li jdum dan l-ispoll. Dan l-ammont jitnaqqas minn sehem dik il-parti li tkun hekk naqset hekk kif isir il-bejgħ tal-proprjeta'."*

*6. Illi skond klawsola 6 B il-kontendenti qablu wkoll li l-mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali u cioe' fil-fond 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, jibqgħu propjeta' esklussiva tal-mara.*

*7. Illi matul il-ħames snin li r-rikorrenti kienet qed tokkupa d-dar*

*imsemmija bi dritt lilha mogħti kif fuq issemmi, r-rikorrenti ġiet kostretta li titlaq minnha b'bintha minuri Francesca, peress li kienet qed tiġi kontinwament mhedda u mmoleslata mill-intimat.*

*8. Illi ftit jiem wara t-tluq tar-rikorrenti, l-intimat raġel sewwasew f'Jannar 2010 daħal jabita fid-dar 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, u dan bi ksur tal-istess kuntratt.*

*9. Illi l-aġir tal-intimat kkawża danni lir-rikorrenti li kienet kostretta tidħol f'kera meta marret tgħix ma' bintha minuri f'post ieħor f'Santa Luċija.*

*10. Illi għalkemm ir-rikorrenti sejjħet kemm-il darba lill-intimat sabiex jagħtiha l-għamara propjeta' tagħha li kienet fid-dar 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, dan baqa' inadempjenti u r-rikorrenti reġgħet involviet ruħha fi spiża biex tixtri l-għamara u diversi oġġetti mobbli għad-dar fejn marret tabita f'Santa Luċija.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onor Qorti għalfejn m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara illi l-intimat John Sant kiser il-kuntratt ta' separazzjoni magħmul bejn il-kontendenti fit-2 ta' Frar, 2007 meta bil-molestja tiegħu huwa ma ħalliex lir-rikorrenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, u minflok daħal huwa joqgħod fiha;*

*2. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-penali hekk ikkontemplata fl-artikolu 10 (c) (x) tal-kuntratt imsemmi;*

*3. Tiddikjara illi l-intimat ikkaġuna danni lir-rikorrenti meta (i) din kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali ma' bintha minuri u tidħol fi spiża ta' kera oħra u meta (ii) l-intimat naqas li jagħtiha l-għamara u l-oġġetti mobbli propjeta' tagħha li kienu fid-dar matrimonjali bir-riżultat li r-rikorrenti kienet kostretta li tidħol fi spiża ulterjuri sabiex tixtri għamara u ħafna mobbli ġdida għad-dar feju marret tabita;*

*4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-aġir tal-intimat; u*

*5. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti dawk id-danni kollha minnha sofferti u hekk likwidati minn din l-Onor Qorti.*

*Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimat li qed jiġi mħarrek in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-13 ta' Awissu 2013 l-intimat John Sant irrisponda għal dak mitlub billi qajjem s-segwenti difiżi.

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikorrenti għandha tiddikjara taħt liema artiklu tal-liġi qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha;*

*2. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija waħda preskritta ai termini ta' l-artikoli 534 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-molestja li qed tippremetti r-rikorrenti se mai seħħ iktar minn sena ilu;*

*3. Illi in linea preliminari wkoll l-azzjoni odjerna hija waħda preskritta ai termini ta' l-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-ispoll li qed tippremetti r-rikorrenti se mai seħħ iktar minn xahrejn ilu;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost qiegħed jiġi eċċepit li hemm kawża fi stadju avvanzat tal-provi fl-ismijiet inversi li fihom qed jiġu impjunati xi artikoli tal-kuntratt indikat tat-2 ta' Frar 2007 fosthom it-titolu tad-dar matrimonjali in kwistjoni 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, u għalhekk għandu jkun hemm waqfien ta' din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża fl-ismijiet, Sant John vs Sant Rita (347/2008 JPG) li s-smiegħ tagħha qed imħolli għat-30 ta' Ottubru 2013;*

*5. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dan peress li t-talbiet tagħha huma infondati filfatt u fid-dritt u dan peress li l-eċċipjenti mhux responsabbli għall-fatt li r-rikorrenti ma baqgħetx tgħix fid-dar 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa stante li hija abbandunat dan il-fond minn jeddha biex tmur tikkoabita mas-sieħeb tagħha;*

*6. Illi kienet ir-rikorrenti minn jeddha u b'volonta tagħha li telqet tgħix il-bogħod mill-fond 95, "Redeemer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa u mhux minħabba molestja minn naħa ta' l-eċċipjenti;*

*7. Illi għalhekk isegwi li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti;*

*8. Salv eċċezzjonijiet premessi mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li minn issa qed tiġi inġunta għas-subizzjoni.*

3. Rat illi fit-30 ta' April 2015, wara li ġie debitament awtorizzat, l-intimat ippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri fejn qajjem is-segwenti difiżi: (fol 51)

*1. Illi l-ewwel talba attriċi hija milquta bid-dekadenza ta' xahrejn skond l-Artikolu 535 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suеċċepiet l-ewwel talba attriċi hija wkoll milquta bid-dekadenza ta' sena skond l-Artikolu 534 tal-*

*Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi jsegwi għalhekk li t-tieni talba attriċi hija milquta bid-dekadenza ta' xahrejn skond l-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Illi jsegwi wkoll li t-tieni talba attriċi hija mingħajr preġudizzju għas-suespost milquta bid-dekadenza ta' sena skond l-Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5. Illi t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba attriċi huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li "L-azzjoni għal ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn"*

*…omissis…*

**Fatti tal-każ**

33. Jirriżulta li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Frar 2007.

34. Jirriżulta wkoll li fi klawsola 6A tal-kuntratt, il-partijiet iddikjaraw li d-dar 95, "Redemeer", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, u ġie konċess id-dritt lir-rikorrenti tabita fl-imsemmi fond għal perjodu ta' ħames snin.

35. Jirriżulta wkoll li permezz tal-klawsola 6A tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet obbligaw ruħhom li, wara l-perjodu ta' ħames snin, ibiegħu din id-dar u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

36. Jirriżulta li skont il-klawsola 10(c)(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni ġie stipulat hekk:

> *"...wara ħames (5) snin mid-data ta' dan l-att, il-partijiet jaqblu li ħadd minnhom m'għandu unilateralment jikkometti spoll kontra l-parti l-oħra u fil-każ li dan jiġri, dik il-parti li tkun hekk wettqet l-ispoll, teħel penali ta' mitt lira (Lm100) kuljum li jdum dan l-ispoll. Dan l-ammont jitnaqqas minn sehem dik il-parti li tkun hekk naqset hekk kif isir il-bejgħ tal-propjeta."*

37. Ir-rikorrenti qed issostni li ġiet kostretta titlaq mill-imsemmija dar fil-Mellieħa, flimkien ma' bintha minuri Francesca, peress li allegatament kienet mhedda u mmolestata mill-intimat.

38. Għalhekk, hija talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-intimat kiser il-kuntratt billi mmollestaha w ġiegħla toħroġ mid-dar u eventwalment mar jgħix fid-dar hu, bir-riżultat illi kellu jiġi ordnat iħallas il-penali ta' Lm100 kuljum stabbilit fl-Artikolu 10 (c) (x) tal-kuntratt, ossija dak stipulat f'każ li parti tikkommetti spoll.

39. Ir-rikorrenti talbet ukoll li jiġi dikjarat illi l-intimat naqas milli jagħtiha

l-għamara tagħha u għalhekk kellu jiġi kkundannat iħallasha d-danni minnha inkorsi riżultat ta’ tali nuqqas minnu kkawżat.

40. Mill-banda l-oħra, illi l-konvenut irrespinġa il-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi saħaq li l-azzjoni odjerna hija waħda preskritta bit-trapass ta’ sena a tenur tal-artikolu 534 u ta’ xahrejn a tenur ta’ l-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll bit-trapass ta’ sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 għal dak illi jirrigwarda danni mitluba.

41. Fil-mertu, il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li r-rikorrenti abbandunat minn jeddha l-fond fil-Mellieħa sabiex tmur tikkoabita mas-sieħeb tagħha, mingħajr ma saret l-ebda molestji da parti tal-intimat.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat**

42. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari ippreżentata fit-13 ta’ Awissu 2013, l-intimat eċċepixxa, li r-rikorrenti trid tiddikjara taħt liema artikolu tal-liġi hija qed tibbaża l-azzjoni tagħha.

43. Il-Qorti tosserva illi huwa minnu li r-rikorrenti ma indikatx abbażi ta’ liema artikolu tal-liġi hija qed tibbaża l-azzjoni. Madankollu, jirriżulta ċar li l-klawsola prinċipali mertu tal-każ in eżami, hija l-klawsola 10, u aktar preċiżament sub-artikolu (c) (x) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni.

44. Jirriżulta ċar illi din il-klawsola titkellem speċifikatament dwar spoll, u r-rikorrenti, kemm permezz tar-rikors promotur, kif ukoll fix-xhieda varja tagħha, qiegħda tilmenta minn allegata molestja u theddid fil-konfront tagħha, huwa ċar mill-assjem tal-atti kollha, li l-kawża odjerna hija azzjoni ta’ spoll.

45. Għalhekk, il-Qorti mhix ser tieħu aktar konjizzjoni ta’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat.

**Meritu tal-każ**

46. Jidher ċar li r-rikorrenti qed tipproċedi b’dina l-kawża sabiex jiġi dikjarat li l-intimat immolestaha u, bħala riżultat, kiser il-klawsola 10 (c)(x) tal-kuntratt ta’ separazzjoni, li għalhekk wassalha sabiex titlob danni għaliex kellha toħroġ mill-imsemmi fond fil-Mellieħa, liema fond kien preċedentement il-fond konjugali, qabel il-waqt.

47. Minn naha l-oħra, l-intimat sostna li l-azzjoni tinsab preskritta u di piu`, sostna li m’hemmx danni x’jiġu likwidati peress li l-intimat ma kkommetta ebda molestji.

**Il-klawsola 10(c) (x) fil-ftehim ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti.**

48. Jibda biex jingħad li fil-proċeduri fl-ismijiet John Sant vs Rita Sant, Rik. Ġuramentat Numru 347/2008, imsemmija mill-intimat fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, fejn l-intimat talab illi l-annullament tal-klawsola Nru 6 B tal-kuntratt ta' separazzjoni, fejn ġie dikjarat illi d-dar matrimonjali kienet taż-żewġ partijiet, ġiet deċiża kontra l-intimat fl-ewwel istanza u ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2020.

49. Għalhekk, ma hemm ebda kontestazzjoni illi, a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat fit-2 ta' Frar 2007, il-propjeta 95, Redeemer, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, kienet taż-żewġ partijiet.

50. Jirriżulta illi fil-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-kawża odjerna, il-klawsola 10(c) (x) jistipula hekk: (fol 13)

> *"Illi wara ħames (5) snin mid-data ta' dan l-att, il-partijiet jaqblu li ħadd minnhom m'għandu unilateralment jikkometti spoll kontra l-parti l-oħra, u f'każ li dan jiġri, dik il-parti li tkun hekk wettqet l-ispoll, teħel penali ta' mitt lira (LM100) kuljum li jdum dan l-ispoll. Dan l-ammont jitnaqqas minn sehem dik il-parti li tkun hekk naqset hekk kif isir il-bejgħ tal-proprjeta`."*

51. Ir-rikorrenti qiegħda tikkontendi illi l-intimat kiser tali obbligu, w għalhekk għandu jiġi kkundannat iħallas penali kif ukoll danni.

52. Il-Qorti, f'dan l-istadju, tosserva illi jidher evidenti, li r-rikorrenti qed tibbaża l-azzjoni tagħha fuq din il-klawsola 10(c) (x) tal-kuntratt ta' separazzjoni u ssostni li hija ġiet immolestata mill-intimat, b'hekk kellha titlaq mid-dar matrimonjali, wara li kien sar il-ftehim ta' separazzjoni bejn il-partijiet - għalhekk, il-kawża odjerna hija azzjoni ta' spoll.

53. Għalhekk, il-Qorti jeħtieġ illi tqis l-elementi tal-azzjoni ta' spoll qabel ma tkompli tikkunsidra t-talba.

**Spoll – Elementi u Kunsiderazzjonijiet**

*….omissis…*

62. Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ in eżami, il-Qorti tosserva li mhuwiex ikkontestat u jinsab ippruvat li r-rikorrenti kienet ingħatat id-dritt li tibqa' tirrisjedi fil-fond, fil-Mellieħa, stante li kienet id-dar matrimonjali.

63. Madankollu, jirriżulta wkoll, minn eżami akkurat tax-xhieda, li hija ma baqgħetx tirrisjedi fl-imsemmi fond minn Jannar 2010. Dana ġie kkonfermat anke mir-rikorrent stess fejn, in kontro eżami (vide fol 117 – Vol 2), hi kellha bżonn electrician għal karozza u, meta kienet għandu jirrinġalha l-elettriku, induna illi hija kienet beżgħana u għalhekk offrielha illi taqbad it-tfal u tmur toqgħod miegħu. Ir-rikorrenti, di fatti, aċċettat tali offerta u marret tgħix mal-electrician tal-karozza tagħha, li eventwalment miegħu hija bdiet relazzjoni li għadha

għaddejja sa issa.

64. Jingħad ukoll illi, t-tfal tar-rikorrenti stess, lkoll mhux tfal ta' l-intimat, kemm Victoria Camilleri u Brandon Camilleri li lkoll kienu baqgħu jirrisjedu fil-fond fil-Mellieħa mar-rikorrenti, kif ukoll Jessica Camilleri, li kienet ittieħdet tgħix mar-rikorrenti, lkoll ikkonfermaw illi r-rikorrenti f'Jannar 2010, qabdet u telqet minn din id-dar ħabta u sabta, b'mod li ma reġgħetx irritornat ħlief biex tieħu ħwejjiġha.

65. Brandon Camilleri ta' xhieda dettaljata taż-żmien meta ġara dan, u spjega li kien biss ġimgħat wara li r-rikorrenti ommhom kienet telqet mid-dar biex tmur toqgħod mas-sieħeb ġdid tagħha, li John Sant mar iħabbat il-bieb tad-dar fil-Mellieħa sabiex jara fejn kienet ir-rikorrenti, u ġie mgħarraf li kienet telqet mid-dar mingħajr ma għarrfithom b'xejn.

66. Victoria Camilleri, bħal Brandon Camilleri, ikkonfermat, li meta telqet ir-rikorrenti u abbandunat id-dar matrimonjali, dana kien f'Jannar 2010.

67. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Jessica Camilleri, li kienet ittieħdet mir-rikorrenti meta telqet mid-dar, li r-rikorrenti kienet telqet mill-imsmemi fond fil-Mellieħa ħabta u sabta u dan sabiex tmur tirrisjedi mas-sieħeb tagħha Mario Zahra f'Santa Luċija.

68. Għalhekk, jidher ċar, li r-rikorrenti telqet mill-fond fil-Mellieħa b'għażla libera tagħha, possibbilment wara illi sar xogħol ta' elettriku b'suċċess fil-karozza tagħha, u mhux għaliex ġiet immolestata jew kostretta kif qed tallega fil-premessi u fix-xhieda.

69. Abbażi ta' dan, għandu jingħad li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' tippretendi li, għaliex hija presumibbilment kien għad għandha ċ-ċavetta tal-fond fejn kienet qed tirrisjedi fil-Mellieħa, għalhekk għandu jitqies li ġiet immolestata fil-pussess tagħha. Dan qed jingħad għaliex, anke mir-rapporti tal-Pulizija eżebiti, jidher evidentement li r-rikorrenti kienet għamlet rapport fit-18 ta' Mejju 2010, fejn irrappurtat li l-intimat John Sant daħal jirrisjedi fl-imsemmi fond fil-Mellieħa, u li biddel is-serratura.

70. Il-Qorti tosserva li huwa ikkoroborat u kkonfermat li John Sant daħal joqgħod fl-imsemmi fond flimkien ma' Victoria Camilleri u Brandon Camilleri, ġimgħat wara illi r-rikorrenti telqet mid-dar mingħajr ritorn.

71. Għalhekk, ma jirriżultax mill-provi, li John Sant kien immolestaha u kkostrinġiha titlaq mid-dar, anzi jidher ċar illi hija telqet mid-dar b'deċiżjoni libera tagħha sabiex tmur toqgħod f'residenza oħra f'Santa Luċija ma' Mario Zahra, electrician tal-karozzi li sar partner tagħha wkoll.

72. Tenut kont ta' dan, huwa evidenti, li l-ewwel żewġ elementi tat-

teħid tal-pussess, u tal-att spoljattiv ma ġewx ippruvati u ma jissussistux.

73. Għandu wkoll jiġi kkunsidrat it-tielet element rikjest għal actio spolii – ossija il-preskrizzjoni ta' xahrejn. Ġie stabbilit, li r-rikorrenti telqet definittivament mill-imsemmi fond fil-Mellieħa f'Jannar 2010, u fit-18 ta' Mejju 2010 għamlet rapport għand il-Pulizija. Madankollu, l-każ in eżami ġie ppreżentat fis-17 ta' Lulju 2013.

74. Fil-każ **Norman Vassallo vs Filomena Esposito**, Appell Ċivili deċiż fit-18 ta' Ġunju 1993 fejn ingħad:

> *"Meta tingħata l-eċċezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma saritx fiż-żmien preskritt mil-liġi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eċċipjenti għaliex skont l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

75. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tosserva li l-intimat irnexxielu jipprova li l-azzjoni ma saritx entro t-terminu estintiv ta' xahrejn.

76. Apparti minn hekk, a differenza ta' dak sostnut mir-rikrorenti, fejn tgħid li hija kienet kostretta titlaq mid-dar minħabba allegata molestja u theddid, dana ma jirriżultax vera. Anzi, it-teżi tar-rikorrenti hija kontradetta minn tlett it-tfal tagħha stess, li ma humiex wild ta' l-intimat, ossija Jessica Camilleri, Brandon Camilleri u Victoria Camilleri, fejn ilkoll xehdu u kkonfermaw li r-rikorrenti qabdet u abbandunat id-dar fejn kienet qed tirrisjedi fil-Mellieħa sabiex marret toqgħod f'Santa Luċija flimkien mas-sieħeb ġdid tagħha, l-electrician tal-karozzi Mario Zahra.

77. Għalhekk l-azzjoni ta' danni riżultanti minn spoll ma jistgħux jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti, peress illi qatt ma kien hemm spoll fil-konfront tar-rikorrenti.

**Eċċezzjoni ta' preskrizzjoni:**

78. Jirriżulta illi l-intimat ippreżenta eċċezzjonijiet darbtejn, darba fit-13 ta' Awissu 2013 (fol 22), u darba oħra fit-30 ta' April 2015 (fol 51), fejn filwaqt illi fl-ewwel eċċezzjoni minnu ppreżentati, qajjem preskrizzjoni ta' sena abbażi tal-Artikolu 534 u ta' xahrejn abbażi tal-Artikolu 535 tal-Kap 16, fit-tieni eċċezzjonijiet minnu ppreżentati, reġa' rrepeta l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 534 u 535 tal-Kap 16, kif ukoll qajjem eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

79. Kif ġia fuq stabbilit, ir-rikorrenti telqet mid-dar ġewwa l-Mellieħa f'Jannar tas-sena 2010 u jirriżulta li kienet ben a korrent tal-fatt illi l-intimat kien daħal fir-residenza li hija kienet tleqet minnha, u dana peress illi fit-18 ta' Mejju 2010 għamlet rapport lill-Pulizija – madanakollu, l-proċeduri odjerni ġew intavolati fis-17 ta' Lulju 2013.

80. Dwar l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, għandu jingħad li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 534 ġia ġie kkunsidrat fid-dettall aktar 'il fuq, fejn ġie stabbilit illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq azzjoni ta' "spoll", kif definit fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli għal tali azzjoni, ossija dik tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 għandha tapplika.

81. Għalhekk, l-preskrizzjoni ta' sena abbazi tal-Artikolu 534 ma tistax titqies bħala applikabbli fil-każ odjern.

82. Madanakollu, il-Qorti tosserva wkoll illi anke kieku, remotement, il-każ odjern kellu jitqies bħala azzjoni ta' molestja abbażi tal-Artikolu 534, xorta waħda l-azzjoni odjerna għandha titqies bħala preskritta bit-trapass ta' sena.

83. It-tielet u l-aħħar preskrizzjoni mqajjma mill-intimat hija dik ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 2153 tal-Kap 12.

84. Jirriżulta illi tali preskrizzjoni tapplika in rigward ta' azzjonijiet għal ħlas ta' ħsarat, liema ħsarat, fejn fil-każ odjern, jidher illi huwa l-bażi tat-tielet, raba' u ħames talba rikorrenti.

85. Il-Qorti, madanakollu, qabel ma tikkunsidra tali eċċezzjoni, tqis illi għandha tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti għal danni.

**Danni**

86. Jirriżulta li r-rikorrenti tramite t-tielet, raba' u ħames talba qed titlob danni għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, qed titlob danni għaliex kienet kostretta titlaq mid-dar, u kienet kostretta tidħol f'kera oħra. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti qed titlob ukoll danni rigwardanti għamara li kienet fid-dar matrimonjali, li l-intimat allegatament naqas li jtiha lura b'mod li kienet kostretta tidħol fi spejjeż biex terġa tixtri għamara oħra.

87. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet: a. Jiġi osservat, l-ewwel u qabel kollox, li ma ġiex ippruvat li r-rikorrenti ġiet kostretta titlaq mid-dar b. Jiġi osservat wkoll illi, għalkemm il-kawża ilha pendenti aktar minn disgħa snin, fl-ebda stadju ma r-rikorrenti qatt eżebiet jew ippruvat spejjeż inkorsi għal kera ġdida.

88. Il-Qorti tirrileva li, li meta jiġu reklamati danni, jinkombi fuq min qed jallega d-danni li jipprova d-danni pretiżi. Fil-każ odjern, id-danni kif pretiżi, ma ġew bl-ebda mod sostanzjati bi provi. Fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, indikat bħala danni r-rifużjoni ta' Ewro 5230, u d-danni rigwardanti kera ta' Ewro 600 fix-xahar, madakollu ma ġewx sostanzjati bil-provi.

89. Għalhekk, kwalsiasi talba għad-danni, kif mitluba fit-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tar-rikors promotur, ma ġewx ippreżentati.

90. Apparti minn hekk, jirriżulta li, kif ġia osservat aktar 'il fuq, ir-rikorrenti telqet mid-dar f'Jannar 2010 u qatt ma marret lura, filwaqt illi l-kawża odjerna ġiet ippreżentata f'Lulju 2013. Ladarba ma ġiet ippreżentata ebda interpellazzjoni ġudizzjarja qabel il-kawża odjerna, jidher ċar illi l-azzjoni għad-danni hija wkoll kolpita bit-trapass tal-perjodu preskrittiv kif stabbilit fl-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

91. Għalhekk, it-talbiet għad-danni kif indikati fit-tielet, raba' u ħames talbiet, ma jistgħux jitqiesu favorevolment minn dina l-Qorti.

92. Fid-dawl tas-suespost, għalhekk, ser tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad it- talbiet kollha tar-rikorrenti għall-motivi fuq spjegati.

L-ispejjeż għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti."

## <u>Rikors tal-appell tal-attriċi (30.03.2022):</u>

7. L-aggravji tal-attriċi huma, in suċċint, is-segwenti:

(i) Fl-ewwel lok targumenta li l-azzjoni mhix l-*Actio Manutentionis/ Actio Spolii,* iżda hija azzjoni għad-danni naxxenti minn ksur ta' obbligi kuntrattwali.

(ii) Fit-tieni lok tfakkar li ma timxix il-preskrizzjoni bejn il-miżżewġin.

(iii) Fit-tielet lok tenfasizza li kien proprju minħabba l-aġir tal-konvenut li kienet "kostretta" titlaq mid-dar qabel il-ħames snin.

(iv) Fir-raba' lok tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qieset li ma kinitx tressqet prova tad-danni minnha pretiżi. Issostni li l-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallasha total ta' **<u>€324,944.10</u>** in linea ta' penali u danni.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenut appellat (02.05.2022):</u>**

8. Il-konvenut wieġeb għall-aggravji tal-attriċi, fejn ta r-raġunijiet tiegħu għaliex skont hu huma bla bażi, u għaliex l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata *in toto*, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi appellanti.

**<u>KRONOLOĠIJA TA' FATTI:</u>**

9. Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-attriċi, u għall-intendiment aħjar tagħhom, ikun opportun li ssir referenza għall-kronoloġija ta' fatti li jirriżultaw mill-provi:

07.09.2002 L-attriċi Rita Camilleri (armla ta' Anthony Camilleri u bi

tlitt itfal minnu, Victoria Camilleri, Brendan Camilleri u Jessica Camilleri) iżżewġet lill-konvenut John Sant.

Minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifla: Francesca Sant.

02.02.2007 Il-kontendenti għamlu kuntratt ta' separazzjoni.

*Inter alia* ftehmu li:

(6A) nofs (½) id-dar 95, Redeemer, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa (proprjetà parafernali tal-konvenut) tiġi assenjata lill-attriċi u li l-istess attriċi flimkien ma' binthom Francesca kellha dritt ta' abitazzjoni bl-esklużjoni tal-konvenut għal 5 snin, b'dan li mbagħad id-dar kellha tinbiegħ u r-rikavat tal-bejgħ jinqasam bejniethom;

(6B) l-immobbli li jinsabu fl-imsemmija dar għandhom jibqgħu proprjetà tal-attriċi u dawk li mhux qegħdin fid-dar u qegħdin fil-pussess tal-konvenut għandhom jibqgħu proprjetà tal-konvenut;

(10Cx) wara 5 snin mid-data tal-kuntratt, ħadd m'għandu unilateralment jikkommetti spoll fil-konfront tal-ieħor; u f'każ li dan iseħħ, il-parti li tkun wettqet l-ispoll teħel penali ta' Lm100 kuljum li jdum tali spoll, u tali ammont jitnaqqas mis-sehem li tali parti għandha tieħu

mir-rikavat tal-bejgħ.

Apparti l-attriċi Rita Sant u bintha mill-konvenut, Francesca Sant, kienu jabitaw fil-post ukoll it-tliet ulied l-oħra tal-attriċi (Victoria Camilleri, Brendon Camilleri u Jessica Camilleri).

01.01.2009 Id-dar qabdet bin-nar u kellhom joħorġu minnha l-ħamsa li huma.

Mejju 2009 Reġgħu daħlu jabitaw fid-dar il-ħamsa li huma.

Jannar 2010 L-attriċi telqet mid-dar u ħadet magħha lil uliedha Jessica Camilleri u Francesca Sant. Victoria Camilleri u Brendon Camilleri baqgħu fid-dar.

Jannar 2010 Xi ġimgħatejn wara li l-attriċi telqet mid-dar il-konvenut sar jaf u għalhekk daħal jabita fiha hu (flimkien ma' Victoria Camilleri u Brendon Camilleri li kienu għadhom jgħixu fiha).

18.05.2010 L-attriċi għamlet rapport l-għassa tal-pulizija fejn qalet li kienet ġiet infurmata li l-konvenut kien biddel is-serratura tal-bieb tad-dar u tal-garaxx li jinfed mad-dar, u li meta ċemplitlu huwa ammetta li kien fil-fatt biddilha.

2012 L-attriċi xehdet li bdiet proċeduri tas-subbasta sabiex id-dar tinbiegħ (Nru 24/2012). Għalkemm qalet li qed tesebixxi estratti mill-atti tas-subbasta u li qed timmarkahom bħala Dok RS17 dan dawn ma jinstabux fl-atti.

Ottubru 2013 Il-konvenut xehed li d-dar inbiegħet fl-2013[1] u li baqa' jgħix fid-dar għal madwar xahrejn jew tlett xhur wara li nbiegħet.

Victoria Camilleri xehdet[2] li telqu mid-dar fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2013 peress li nbiegħet, u li sa dakinhar il-konvenut kien għadu jgħix fid-dar magħha u ma' Brendon Camilleri.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

**L-ewwel aggravju**: *l-azzjoni odjerna*

10. L-Ewwel Qorti rriteniet li l-azzjoni hija waħda ta' spoll:

> *"….jidher evidenti, li r-rikorrenti qed tibbaża l-azzjoni tagħha fuq din il-klawsola 10(c)(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni, u ssostni li hija ġiet immolestata mill-intimat, b'hekk kellha titlaq mid-dar matrimonjali, wara li kien sar il-ftehim tas-separazzjoni bejn il-partijiet – għalhekk, il-kawża odjerna hija azzjoni ta' spoll."*

11. L-attriċi appellanti targumenta *invece* li minn qari tat-talbiet tagħha

---

[1] Ara xhieda tal-konvenut a fol 174
[2] Ara kontro-eżami ta' Victoria Camilleri fol 31

huwa oltre milli ċar li l-bażi legali tal-azzjoni tagħha hija dik ta' inadempjenza kuntrattwali, u li d-danni pretiżi huma naxxenti minn ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tal-konvenut. Iżżid tgħid li ma kien hemm xejn fir-rikors ġuramentat promutur li remotament jindika li l-azzjoni esperita minnha kienet l-*Actio Spolii (jew l-Actio Manutentionis*). Tilmenta li kien għalhekk inspjegabbli kif l-Ewwel Qorti għażlet li tiddipartixxi mill-binarji magħżula minnha bħala s-sies tal-azzjoni tagħha meta l-indoli ġuridiku tal-azzjoni kien tant ċar u ovvju.

12. Din il-Qorti ssib li f'dan ir-rigward l-appellnati għandha raġun. Aktarx li l-Ewwel Qorti ġiet żgwidata mill-fatt li l-klawsola 10(c)(x) issemmi l-kelma "*spoll*", iżda m'għandu jkun hemm l-ebda dubju minn qari tal-azzjoni kif interposta li hawnhekk mhux qed jintalab ir-radd lura tal-pussess, iżda l-ħlas ta' danni u penali riżultat ta' ksur kuntrattwali.

13. Għaldaqstant l-ewwel aggravju jirriżulta fondat.

**<u>It-tieni aggravju</u>**: *il-preskrizzjoni*

14. Konsegwentement għall-ewwel aggravju, l-appellanti targumenta li mhux applikabbli t-termini ta' dekadenza għall-*Actio Manutentionis/ Spolii* eċċepiti mill-konvenut.

15. Kwantu għall-preskrizzjoni tas-sentejn ukoll eċċepita mill-konvenut, apparti li targumenta li l-Artikolu 2153 (“*L-azzjoni għal ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn”)* mhux applikabbli għaliex id-dannu huwa riżultat dirett tal-ksur deliberat tal-konvenut tal-obbligi kontrattwali assunti minnu[3], tenfasizza li kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta qieset li bejn partijiet miżżewġa (għalkemm separati) tista’ tiddekorri l-preskrizzjoni.

16. Bla preġudizzju għal tali affermazzjoni, u fl-agħar ipotesi għaliha, targumenta li ladarba l-obbligi bejn il-partijiet kienu regolati b’kuntratt, kull dannu naxxenti mill-ksur ta’ tali kuntratt huwa dannu ta’ indoli kontrattwali u l-preskrizzjoni li qatt setgħet kienet applikabbli hija dik tal-ħames snin taħt l-Art.2156(f), Kap 16, liema perjodu baqa’ ma ddekorriex.

17. Fil-fatt għandha raġun meta tgħid li bejn il-miżżewġin ma timxix preskrizzjoni. L-Artikolu 2123 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk (sottolinejar ta’ din il-Qorti):

> *“Il-preskrizzjoni ma timxix* –
>
> *(a) bejn ir-raġel u l-mara;*
>
> *(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;*
>
> *(ċ) bejn il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutur jew kuratur*

[3] F’ dan ir-rigward tagħmel riferenza għall-insenjament ta’ din il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Joseph Busuttil v. Emanuele Schembri** (19.02.1954) fejn ingħad li l-*colpa* fil-preżenza ta’ kuntratt tista’ tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali: f’tali kawża (rigwardanti eżekuzzjoni ħażina ta’ kuntratt ta’ appalt) ġie ritenut li ma kienx hemm karattru delittwuż jew kolpuż u li għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta’ ħames snin.

> *tagħha, sa tispiċċa t-tutela jew il-kurazija, u sa jingħataw għal kollox u jiġu approvati l-kontijiet;*
>
> *(d) bejn il-werriet u l-wirt aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju."*

18. F'dan ir-rigward issir referenza għall-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Angiolino sive Lino Pace v. Rita Anne Pace***, (24/11/2017; 154/2020) fejn ġie kkonfermat kemm il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-miżżewġin, ukoll jekk ikunu separati:

> *"Dan l-aggravju jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni intavolata mill-appelanti a tenur tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili; fir-rikors tal-appell hija ipprecizat li kienet qed tinvoka l-Artikolu 2156 (b) ossija dik ta' hames snin applikabbli hlas ta' pensjoni ta' manteniment.*
>
> *Din il-Qorti pero` tirreferi ghall-Artikolu 2123 (a) tal-istess Kodici Civili li jistipula li l-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-ragel u l-mara. Dan japplika anke jekk il-partijiet ikunu separati kif tenniet is-sentenza fl-ismijiet* **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo***` deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2014. Kif qalet din is-sentenza is-separazzjoni personali, skont l-Artikolu 35 tal-Kodici, ittemm biss l-obligu tal-mizzewgin li jghixu flimkien u allura l-Artikolu 2123 (a) japplika ukoll f'sitwazzjonijiet simili. Din is-sentenza iccitat lil* **Giorgi** *jghid li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tapplika 'anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie'.*
>
> *Anke l-***Qorti ta' Kassazjoni Taljana** *b'sentenza tal-1985 ikkonfermat dan u qalet li "La presrcrizione dei diritti dei coniugi non ha luogo durante l' matrimonio, ancorche i coniugi siano separati." Tal-istess fehma huma awturi ohrajn bhal* **Ricci, Pothier, Laurent u Trabucchi***. Dan gie wkoll App. Civ. 154/10 19 ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta fil-kawza fl-ismijiet* **Micallef v. Gravina** *deciza fid-29 ta' Mejju 2015."*

19. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll fondat. Jonqos issa li jiġu kkunsidrati ż-żewġ aggravji l-oħra li jirrigwardaw il-mertu.

**<u>It-tielet aggravju</u>**: *ir-raġuni għaliex telqet mid-dar l-attriċi u l-jedd għal*

*penali u danni*.

20. Fit-tielet lok l-attriċi appellanti tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma qisitx li kienet "kostretta" titlaq mid-dar. Issostni li mill-provi joħroġ ċar li l-konvenut kien jiffastidjaha u jikkawżalha biżgħa tant li f'Jannar 2010 kellha titlaq mill-fond, u l-konvenut daħal fil-fond minflokha u baqa' hemm sa' Ottubru 2013 meta l-fond eventwalment inbiegħ lil terzi. Taċċenna għar-rapporti li għamlet mal-pulizija kull meta kienet tiġi ffastidjata minnu.

21. Din il-Qorti xtarret bir-reqqa l-provi fir-rigward, partikolarment id-diversi rapporti li l-attriċi għamlet mal-pulizija kif ukoll ix-xhieda tagħha, ta' ħabibitha Pia Giordmaina, u tat-tliet uliedha Victoria, Brendon u Jessica.

***(a) <u>Rapporti:</u>***

22. Ġew ippreżentati diversi rapporti (kemm mill-attriċi kif ukoll mill-ispettur Godwin Scerri). Din il-Qorti qiegħda telenkahom b'mod kronoloġiku:

**<u>Qabel is-separazzjoni:</u>**

30.08.2005 Rapport dwar argument li kellhom il-kontendenti fejn wara li marret il-Mosta Health centre nstab li kellha "*injuries of a slight*

*nature*".

25.02.2006 Rapport dwar argument li kellhom il-kontendenti dwar *magazines* ta' nisa għarwenin, fejn il-konvenut "*used means of force against his wife and she suffered some injuries as she alleged".*

11.01.2007 Rapport fejn iddikjarat li hi u l-erba' wliedha ser imorru jorqdu "Villa Cettina" għaliex ma riditx toqgħod taħt l-istess saqaf mal-konvenut. Qalet li "*she is afraid of him because in the past she had lots of arguments with her husband concerning some magazines of nude women and some tv videos."*

**<u>Wara s-separazzjoni u qabel ma telqet mid-dar tal-Mellieħa:</u>**

19.08.2007 Rapport dwar telefonata fejn il-konvenut qalilha "*Isma jekk trid tisfidani iddaħħalni l-qorti, xi ħadd minna jispiċċa l-qabar u jiena nispiċċa l-ħabs."*

15.09.2007 Rapport li rċeviet messaġġ fuq il-*mobile* "*bye from my heart se you in heaven godnijt"* u tissuspetta li kien mingħand il-konvenut.

17.09.2007 Rapport fejn qalet li binha Brendon telaq mid-dar

għaliex irrabja magħha talli rrappurtat lill-konvenut. Wara li sabuh il-pulizija ħaduh id-dar.

15.12.2007 Rapport dwar messaġġ mill-konvenut fuq il-*mobile* b'insulti "*kemm int azzjunitek ħażina dik it-tifla għad tpattijilek ta li qed tamlilha forsi alla għad iħalsek ta li qed tagħmel*", kif ukoll telefonata b'insulti diretti lejn il-ġenituri tagħha.

03.02.2008 Rapport dwar episodju fejn ħadet lil binthom Francesca ta' 4 snin tara lill-konvenut f'Ċirkewwa Bar skont id-digriet, fejn spiċċaw jargumentaw dwar il-kwistjoni li għandhom il-Qorti u fejn meta semmietlu li trid annullament kellimha ħażin.

28.03.2008 Rapport dwar messaġġi mill-konvenut fuq il-*mobile*, inkluż kliem bħal *"għada pitgħada trid tħallas il-kontijiet, trid tpattija, x'imkien insibek."*

29.03.2008 Rapport dwar episodju fejn il-konvenut mar id-dar u qal li ried jara lit-tifla, u qaltlu li ma kinitx il-ġurnata li kellu jaraha skont il-ftehim. Qalet li għajjarha li kien ilha ġurnata barra u li għandha l-irġiel fid-dar, imbagħad imbotta l-bieb u daħal u kif ra li kienet se ċċempel lill-pulizija telaq.

16.05.2008 Rapport dwar messaġġi mill-konvenut fuq il-*mobile* inkluż *"andi dritt naqtalek il-manteniment tighek qbattek titradini, kollox għal avukat it-tnejn umbat nitkellmu l-qorti",* u "*ghalhekk tghidli hallini kwieta ghax ghandek il-gbienek ma min tistrieh kompli strieh halli il-qorti nistrieh jien…."*

22.05.2008 Rapport dwar episodju fejn il-konvenut mar iħabbtilha d-dar u qalilha "*int ma tridx tiftaħ għax għandek x'taħbi*" u wara ftit telaq.

20.06.2008 Rapport dwar theddid mill-konvenut li se jagħmel bomba lill-avukati tal-attriċi u lill-attriċi; kif ukoll dwar episodju fejn ħadet lit-tifla iċ-Ċirkewwa biex jaraha u beda jgħid kontra l-Qorti u l-imħallfin u jgħajjarha kemm għandha azzjonitha ħażina.

18.08.2008 Rapport dwar episodju fejn kienet l-Għadira ħdejn kjosk bit-tfal u l-konvenut poġġa ħdejhom u beda jidgħi u joffendiha.

Aktar tard irrapportat li rritornalha ċ-ċwievet tad-dar matrimonjali u li hija biddlet is-serratura tal-istess dar matrimonjali.

04.12.2008 Rapport dwar episodju fejn il-konvenut mar jiġbor lit-tifla mid-dar (kif ftehmu) u spiċċaw jargumentaw, imbuttaha, u għamel ħsara lill-mera tal-vettura tagħha.

16.12.2008 Rapport dwar episodju fejn bintha l-kbira Victoria Camilleri kienet l-isptar t'Għawdex biex twelled u li hija għalhekk ċemplet lill-konvenut biex tgħidlu li ma kinitx tista' tagħtih lit-tifla *ż-żgħira* dakinhar. Qalet li għalkemm qalilha li ma kinitx problema, iktar tard bagħtilha messaġġ "*talla sikkina mejek f lawla ha nqettew l xulxen l qurti".*

28.12.2008 Rapport dwar episodju fejn il-konvenut mar id-dar biex jiġbor lit-tifla tagħhom u offendiha "*qisek qahba issa ghadek ma gbajtx titqahhab*" u wara li għalqet il-bieb qalilha li ser ikisser il-bieb għaliex nesa l-ġakketta, hija mbagħad tatu l-ġakketta mill-bieb tal-garaxx.

01.01.2009 Rapport dwar episodju fejn id-dar ħadet in-nar, aktarx minħabba *heater* tal-gass li kien viċin is-sufan. Ir-rapport jgħid li "*no foul play is suspected."*

15.11.2009 Rapport fejn qalet li l-konvenut naqas li jagħtiha manteniment.

18.01.2010 Rapport dwar episodju fejn il-konvenut mar id-dar u ppretenda li jara lil bintu mhux fit-termini tad-digriet tal-Qorti, u li mbotta l-bieb biex jidħol jara lit-tifla.

18.01.2010 Rapport ieħor fl-istess ġurnata dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

**Wara li telqet mid-dar tal-Mellieħa:**

20.02.2010 Rapport dwar episodju fejn l-attriċi u Mario Zahra kienu ħerġin mir-residenza tagħhom f'Santa Luċija u l-konvenut avviċinahom u qalilhom li qabadhom flimkien. Qalu li kien qed isegwihom f'diversi postijiet u ħinijiet differenti.

24.03.2010 Rapport dwar episodju li seħħ fil-Qorti fejn il-konvenut beda jdejjaqha u jgħidilha biex jirranġaw u biex twaqqaf il-proċeduri tal-annullament u li għadu jħobbha u li jrid jirranġa.

12.04.2010 Rapport dwar episodju li seħħ il-Qorti tal-Familja. Qalet li l-konvenut kien irrabjat għaliha u beda jiġri warajha u x'ħin waslet ħdejn il-karozza tal-ħabib tagħha Mario Zahra għamel mossi b'idejh ma' għonqu.

18.05.2010 Rapport fejn qalet li ġiet infurmata li l-konvenut kien biddel is-serratura tal-bieb tad-dar u tal-garaxx tal-Mellieħa, u li meta ċemplitlu biex jikkonferma, huwa ammetta li kien fil-fatt biddel is-

serratura.

20.06.2010 Rapport dwar fastidju, fejn il-konvenut qed imur wara l-bieb tad-dar fejn l-attriċi toqgħod ma' Mario Zahra.

24.12.2010 Rapport dwar messaġġi mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi, fosthom *"Ibqa bedni met tifla ha tebatni habs dalwaqt".* Avviċinat mill-pulizija il-konvenut ammetta li bagħat il-messaġġi, u qal li dan kien minħabba li l-attriċi ma tkunx trid tagħtih aċċess biex jara lil binthom għal ftit ħin waħdu.

24.12.2010 Rapport ieħor ukoll magħmul fl-24.12.2010 dwar messaġġi mibgħuta mill-konvenut fejn jgħid li jrid jara lil bintu waħdu; minħabba li mhux possibbi skont il-ftehim ma żammx l-appuntament.

31.12.2010 Rapport dwar il-fatt li l-konvenut ma marx jieħu t-tifla skont id-digriet tal-Qorti.

07.01.2011 Rapport dwar il-fatt li l-konvenut ma marx jiġbor lit-tifla skont il-ftehim dwar l-aċċess.

27.05.2011 Rapport dwar episodju fejn meta kienet bit-tifla Francesca Sant ta' 7 snin ħdejn l-iskola taż-Żejtun rat lill-konvenut miexi

lejha. Avviċinat mill-pulizija qal li kien ilu ma jara lit-tifla u għalhekk kien mar ħdejn l-iskola. Qal li kif l-attriċi ratu daħħlitha fil-karozza u saqet 'l hemm.

30.07.2013 Rapport fejn qalet li bintha tkun imbeżża' meta jkun imissha tiltaqa' mal-konvenut.

04.06.2015 Rapport dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

05.03.2016 Rapport li sabet żejt fuq il-vettura tagħha.

05.09.2017 Rapport dwar il-manteniment, fis-sens li l-konvenut mhux qed itiha ż-żieda tal-għoli tal-ħajja.

***(b) Xhieda:***

23. L-attriċi Rita Sant fl-ewwel affidavit tagħha xehdet[4] li l-konvenut ma kienx iħalliha bi kwietha u li tant kien jiddisturbaha li kienet waslet fi stat fejn kienet tibża' toħroġ għax issibu jistenniha. Qalet li kien "*speċi jgħassisli*" u li kemm-il darba qabditu "*jitlajja bil-vann quddiem id-dar*." Qalet li kien heddidha li joqtolha. Qalet li wliedha kienu "*imwerwrin*" minnu għaliex kienu jafu sew x'inhu għaddej. Qalet li kien għalhekk li

[4] Affidavit fol 61 et seq

f'Jannar 2010 qabdet u telqet bit-tfal (it-tnejn iż-żgħar) u marret toqgħod "*band' oħra*". Spjegat li sabet kenn għand ħabib tagħha ċertu Mario Zahra u li kienet ittiħ €100 fix-xahar; qalet li ħallset tali ammont għal sitt xhur biss. Qalet li b'hekk kellha l-wens ta' raġel kemm-il darba l-konvenut jiġi għaliha.

24. Fit-tieni affidavit tagħha[5] kompliet telabora. *Inter alia* semmiet li kienet xammet riħa ta' petrol fil-karozza u li meta ħaditha għand il-mekkanik qalilha li l-pajp tal-petrol kien imtaqqab u li kellha xorti li ma splodietx. Qalet li l-mekkanik kien qalilha li ma kienx ittaqqab waħdu. Qalet li meta qalilha dan moħħha mar fil-konvenut għaliex meta kienet għadha miegħu kienet qabditu jaqla' l-*isparking plugs* biex ma tkunx libera tmur fejn trid u għalhekk indunat li kien qed ibagħbas fil-karozza. Qalet li wara tliet snin għaddejja minn inkwiet u theddid iddeċidiet li titlaq bit-tfal minuri tagħha.

25. Kontro-eżaminata[6] qalet li "ħarbet" mhux "telqet" mid-dar "*sforz il-biżgħa li ma flaħtx aktar ngħix hemm".* Qalet li marret Santa Luċija għand Mario Zahra. Spjegat li kien l-*electrician* li ħadmilha fil-karozza u li "*induna li jiena beżgħana l-ħin kollu nħares lura u offrieli biex immur naqbad lit-tfal u mmur noqgħod miegħu."* Mistoqsija kienx is-sieħeb tagħha qalet "*Le. Wara sitt xhur għax jiena kont intih dik ix-xi ħaġa tal-*

[5] Affidavit a fol 134 *et seq*
[6] Kontro-eżami 07.11.2019 fol 115 *et seq*

*kera wkoll."* Qalet li l-biċċa l-kbira ma kienx joqgħod id-dar iżda kien joqgħod għand ommu Birżebbugia. Qalet li ż-żewġt itfal il-kbar xtaqithom magħha iżda kienu kbar biżżejjed u kellhom id-dar tal-Mellieħa fejn joqogħdu.

26. Ħabibitha Pia Giordmaina fl-ewwel affidavit tagħha xehdet[7] li l-konvenut ma kienx iħalliha bil-kwiet. Qalet li kien ossessjonat li qiegħda tara xi rġiel u jimmalafamaha li qiegħda ma' ħaddieħor. Qalet li darba minnhom kienet għandha u l-konvenut ħabbat fuq il-bieb u li meta marret tara min ġie, "*kien pront imbotta l-bieb 'il ġewwa u beda jimmalafamaha li hemm ġew kellha lil xi raġel".* Qalet li tant l-attitudni tiegħu kienet insapportabbli li l-attriċi ma setgħetx tgħix iktar fid-dar tal-Mellieħa u li għalhekk qabdet iż-żewġ uliedha ż-żgħar u telqet bl-affarijiet essenzjali, bħal affarijiet tal-iskola u hekk. "*Hija kienet qaltli li sejra toqgħod Santa Lucija".*

27. Fit-tieni affidavit tagħha[8] qalet li "*Huma dejjem kienu jkunu mwerwrin id-dar."* Issemmi xi episodji fosthom li darba kienet għand l-attriċi u ġie l-konvenut u beda jgħajjat u jgħidilha li ilha barra minn filgħodu u li lill-barranin iddaħħalhom u lilu le. Qalet li l-konvenut ġieli kien ikun aggressiv, sa darba kisrilha l-mera tal-karozza.

---

[7] Affidavit fol 97 *et seq*
[8] Affidavit a fol 142 *et seq*

28. Kontro-eżaminata[9] qalet li Mario Zahra kien jikri l-post lill-attriċi u li kull meta kienet tmur hemm ma kinitx issibu fid-dar.

29. **Il-verżjoni mogħtija mit-tliet itfal tal-attriċi Victoria, Brendon u Jessica, hija kontrastanti sew mal-verżjoni tal-istess attriċi.**

30. Victoria Camilleri (li kienet tgħix fid-dar tal-Mellieħa flimkien ma' ommha l-attriċi u t-tliet ħutha l-oħra Brendon Camilleri, Jessica Camilleri u Francesca Sant) xehdet[10] li darba minnhom kienet sabet il-bieb miftuħ u l-ħwejjeġ ta' ommha u taż-żewġ ħutha żgħar (Jessica Camilleri u Francesca Sant) neqsin mill-gwardarobba. Meta ċemplitiliha ma bdietx tirrispondiha. Qalet li meta ġie ħuha Brendon u saqsiha fejn kienet ommhom, "*għidtlu li naħseb li telqet.*" Kontro-eżaminata u mistoqsija jekk kinitx taf li f'dak il-perjodu ommha kienet mheddha mill-konvenut u li kienet kostretta titlaq wieġbet, *"….ngħid le". Qatt ma qaltli dawn l-affarijiet.*" Qalet li ommha l-attriċi qabdet u telqet mingħajr ma qaltilhom xejn. Qalet li llum il-ġurnata toqgħod flimkien ma' ħuha Brendon u l-konvenut John Sant u li jaqsmu l-kera u d-dawl u ilma bejniethom.

31. Brendon Camilleri fl-affidavit tiegħu[11] jikkorrobora x-xhieda ta' Victoria Camilleri. Jgħid li f'Jannar 2010 ommhom "*qabdet u telqet*" biż-

---

[9] Kontro-eżami 29.09.2020, fol 138 *et seq*
[10] Xhieda mogħtija fil-15.04.2014, fol 30 et seq
[11] Affidavit fol 34 et seq

żewġ ħutu ż-żgħar "*u marret tgħix ma' raġel ieħor*." Qal li meta kienu jċemplulha ma kinitx tirrispondi. Xehed li "*Jien niftakar li ommi ġieli għamlet iljieli barra*." Isostni li hija *"telqet mid-dar b'deċiżjoni libera li ħadet hi"* u li meta ma kinux ikunu d-dar kienet tidħol tieħu ħwejjiġha. Kompla jgħid li xi ġimgħatejn wara li telqet ommhom huma laqgħu lill-konvenut "*bil-qalb kollha*" u li "*minn Jannar 2010 dejjem baqgħu jgħixu flimkien, hu, oħtu Victoria, u l-konvenut."* Qal *"…mn'Alla kien John Sant għalina għax apparti li tlifna lil missieri ommi qabdet mingħajr raġuni ta' xejn abbandunatna."*

32. <u>Jessica Camilleri</u> xehdet[12] li l-konvenut huwa "*father figure*" għaliha. Tgħid li qatt ma rat għajn ħażina mingħandu u li allaħares ma kienx hu. Qalet li meta ommha riedet toħodha tgħix mal-*partner* tagħha Mario Zahra f'Santa Lucija kienet irrabjat ħafna. Qalet li għaliha *"din kienet ħasda għaliex qatt ma kont qed nistenna illi ommi ħa tiġi għalija u tgħidli biex immur noqgħod magħha u ma' raġel ieħor."* Qalet li għalhekk għamlet xi xhur għand iz-zija tagħha f'Raħal Ġdid imbagħad eventwalment marret ukoll Santa Lucija ma' ommha u l-*partner* tagħha Mario Zahra. Hija tenfasizza li "*Ommi lili qatt ma qaltli jew tatni x'nifhem li hija kienet imbeżża' jew preokkupata tant minn John Sant li ma setgħetx tgħix aktar fid-dar tal-Mellieħa. Ommi telqet mid-dar tal-Mellieħa għaliex, kif ġia għidt, hija kienet sabet partner ġdid u cioè Mario Zahra."* Kompliet

---
[12] Affidavit fol 166 *et seq*

tgħid li hi u ħutha dejjem sabu sapport mingħand il-konvenut u dejjem aċċettahom bħala wliedu "*xi ħaġa li nista' nimmaġina li hija diffiċli għax ommi Rita ddeċidiet li tivvinta qlajjiet. John Sant lili dejjem ġabli rispett.*" Reġgħet enfasizzat li ommha qatt ma tatha x'tifhem li kienet imdejqa jew ippersegwitata mill-konvenut wara li sseparaw. Qalet li "*Ommi Rita telqet mid-dar tal-Mellieħa fis-sena 2010 għaliex kellha partner ġdid u bdiet tgħix miegħu Santa Lucija. Jiena qatt ma rajt għajn ħażina mingħand John Sant. Ngħid ukoll illi jien qatt ma smajt 'l ommi tgħid li trid tmur lura tgħix fid-dar tal-Mellieħa iżda ma tistax għax John Sant kien qiegħed itiha xi fastidju*."

33. Wara li għarblet sew il-provi din il-Qorti tasal biex taqbel mal-Ewwel Qorti li r-raġuni għaliex l-attriċi telqet mir-residenza tagħha fil-Mellieħa kienet proprju biex tmur toqgħod mas-sieħeb tagħha Mario Zahra, u dan b'għażla libera tagħha. Veru li l-affarijiet ta' bejnha u bejn il-konvenut kienu ddeterjoraw konsiderevolment sa dak il-punt, fejn il-konvenut kien anke f'okkażjonijiet imur fid-dar tal-Mellieħa fejn kienet toqgħod u jagħmel xi xenati, iżda din il-Qorti mhix konvinta li l-attriċi kienet "kostretta" li titlaq mid-dar minħabba episodji bħal dawn. Id-disgwid ta' bejniethom fil-fatt tkompla anke wara li telqet mid-dar tal-Mellieħa, kif jirriżulta mid-diversi rapporti. Inoltre ma jistax jiġi eskluż li l-attriċi qiegħda tesaġera xi ftit jew wisq is-sitwazzjoni bil-għan li tieħu gwadann finanzjarju sostanzjali abbażi tal-klawsola 10(c)(x) tal-kuntratt, fejn fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha

(u anke fir-raba' aggravju tagħha), qed tippretendi li l-penali ta' Lm100 kuljum li l-konveut għandu jħallasha talli ġiet "spoljata" mid-dar tagħha għandha tibda tiddekorri minn meta kienet "kostretta" titlaq mid-dar f'Jannar 2010.

34. Din il-Qorti ssib li hija partikolarment inverosimili l-verżjoni tal-attriċi in kontro-eżami dwar meta kellha bżonn *electrician* għall-karozza tagħha, fejn allura ħaditha għand ċertu Mario Zahra, u fejn dan allegatament offrielha li tmur toqgħod għandu Santa Luċija meta osserva li kienet imbeżżża' għaliex kienet qiegħda tħares lura. Daqstant ieħor mhix fededenja l-verżjoni li tagħti fl-istess kontro-eżami fejn tgħid li dan Mario Zahra l-biċċa l-kbira ma kienx joqgħod fid-dar ta' Santa Luċija iżda m'ommu f'Birżebbugia u li kienet tħallsu l-kera għall-post ta' Santa Luċija. Apparti li din il-verżjoni tikkontradixxi l-verżjoni li tat fl-affidavit fejn qalet li marret għandu biex ikollha wens ta' raġel, fir-rapport li għamlet l-attriċi stess (flimkien ma' Mario Zahra) fl-20 ta' Frar, 2010 (ċioè ftit ġimgħat biss wara li telqet mid-dar tal-Mellieħa) adirittura tniżżel hekk:

> *"Irrapurtaw illum fejn stqarru kif filwaqt li huma t-tnejn kienu ħerġin minn ġewwa r-residenza ta' 34 Triq De Hosa, Santa Lucija, ġew avviċinati minn ċertu John Sant fejn dan tal-aħħar beda jgħidilhom verbalment li qabadhom flimkien.*
>
> *Mill-investigazzjonijiet irriżulta li Rita u John Sant huma separati. Fil-preżent Rita qegħda tkun fil-kumpanija ta' Mario Zahra. Il-partijiet konċernati qegħdin jilmentaw li dan John qiegħed ikun ta' fastidju għalihom minn fejn f' diversi drabi f' postijiet differenti jiltaqgħu ma' John minn fejn żiedu jgħidu li qiegħed isegwihom u dan f' postijiet u ħinijiet differenti…."*

35. Tali dikjarazzjoni tevidenzja kemm l-attriċi u Mario Zahra kienu fil-

fatt f'relazzjoni u li Zahra kien is-sieħeb tagħha, tant li l-konvenut kien isegwihom f'diversi postijiet u ħinijiet differenti.

36. In oltre huma ferm sinifikanti l-verżjonijiet mogħtija mit-tlett itfal tal-attriċi Victoria, Brendon u Jessica, fejn mhux biss kellhom kliem ta' tifħir versu l-konvenut John Sant, iżda lkoll ċaħdu li ommhom qatt qaltilhom jew tathom x'jifhmu li kienet tant imbeżża' minnu li kienet kostretta "taħrab" mid-dar tal-Mellieħa.

37. Ikkunsidrat dan kollu l-Qorti tqis illi l-attriċi telqet volontarjament mid-dar, għar-raġuni li ġie kunsidrat f'din is-sentenza qabel ma daħlet fis-seħħ il-klawsola 10(c)(x) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Minn dak il-mument ċioè sentejn qabel it-terminu ta' ħames snin li kellha jedd tabita b'titolu ta' komodat fid-dar konjugali skont klawsola 6A ma għamlet ebda rapport lill-Pulizija li sfat barra mid-dar konjugali ħtija tal-konvenut jew ippruvat bil-mezzi legali disponibbli tirriprendi l-pussess avolja kienet taf li d-dar okkupata mill-konvenut. L-aġir tal-attriċi hu ndikazzjoni ċara ta' rinunzja impliċita għal dak miftiehem fil-klawsola 6A tal-kuntratt ta' separazzjoni u konsegwentement irrenda bla effett klawsola 10(c)(x) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni. La darba saret din ir-rinunzja bl-aġir stess tal-attriċi u mingħajr ebda riserva, ma tistax tippretendi li tgawdi l-effetti tal-ksur tal-klaswola 10(c)(x) ċioè l-penali hemm imsemmija. Bl-istess mod ma tistax tirreklama d-danni konsegwenza tat-tluq tagħha mid-dar konjugali li ma ġewx kaġunati bi ħtija tal-konvenut iżda biss riżultat tal-komportament

singolari u volontarju tagħha.

38. Madankollu l-attriċi talbet danni ta' €3,850 rappreżentanti affarijiet li ħalliet warajha meta telqet u dan bi ksur tal-klawsola 6B tal-kuntratt ta' separazzjoni u li mpliċitament kienu fil-pussess tal-konvenut meta daħal hu jirresjedi fid-dar konjugali.

39. L-attriċi tippretendi li l-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallasha €3,580 rappreżentanti oġġetti li ħalliet fid-dar. Hija ppreżentat Dok RS16[13] li huwa lista ta' 26 oġġett (bħal affarijiet tal-kċina, ornamenti u ħwejjeġ) bl-allegat valur ħdejn kull wieħed.

40. Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami l-konvenut ġie mistoqsi jekk meta huwa daħal fid-dar f'Jannar 2010 kienx għad hemm l-affarijiet tal-attriċi fid-dar. Huwa wieġeb fl-affermattiv iżda enfasizza li "*meta nbiegħet id-dar ġabet trakk u għabbiet kollox*." Sostna li l-affarijiet tagħha ħadithom. Qal li kien proprju fil-ġurnata li nbiegħet id-dar li ġiet mal-*partner* tagħha u għabbew kollox.

41. Kontro-eżaminata l-attriċi ma ċaħditx li wara li nbiegħet id-dar bis-subasta kienet ġabet trakk biex tgħabbi l-affarijiet. Spjegat li kien fetħilha dak li kien xtara d-dar iżda qalet li ma ħaditx kollox. Ri-eżaminata qalet li

[13] A fol 94

ħwejjiġha u ħwejjeġ uliedha ma sabithomx kollha u li "*ħwejġi sibthom mormijin fid-dustbin*", għalkemm din l-allegazzjoni ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod. Dwar l-affarijiet l-oħra ndikati fil-lista Dok RS16 ma spjegatx għaliex ma ħadithomx meta marret bit-trakk.

42. Din il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma ssibx li l-attriċi ppruvat din il-pretenzjoni tagħha.

**<u>DECIDE</u>**

43. Għal dawn il-motivi għalkemm intlaqgħu l-ewwel żewg aggravji tal-appellanti dawn ma kellhomx effett fuq il-mertu tal-appell u għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-attriċi fil-mertu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti però għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija b'din is-sentenza.

44. L-ispejjeż tal-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da